Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin



Ir-Rit tat-Tqarbin lill-Morda

Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin

Ir-Rit tat-Tqarbin lill-Morda

Djoċesi ta' Għawdex
It-Tieni Edizzjoni Riveduta
2022

Ritratt tal-Qoxra: Centro Aletti, Ruma.
It-Tieni Misteru tal-Glorja.
Mużajk, Santwarju Nazzjonali Madonna Ta' Pinu, Għawdex.

Werrej

Messaġġ tal-Isqof 5

Ir-Rit tal-Tqarbin u l-Vjatku tal-Morda minn Ministru Straordinarju tat-Tqarbin 7

Talb ta' Radd il-Ħajr wara t-Tqarbin

Il-Ministru Straordinarju tat-Tqarbin imqaddes fl-Istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum* 19

Direttivi għall-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin 27

Messaġġ tal-Isqof

Alla tagħna huwa Alla tad-doni. Juri l-imħabba tiegħu bir-rigali li kontinwament jagħti lilna l-bnedmin. L-akbar rigal li jista' jagħtina huwa Ibnu nnifsu fil-ħobż u fl-inbid fl-Ewkaristija. X'rigal kbir!

Rigal ieħor huwa li nkunu Ministri Straordinarji tat-Tqarbin. Għandna xorti kbira li għal xi żmien, skont id-diskrezzjoni tal-Kappillan, nistgħu nkunu qaddejja tal-Ewkaristija billi nwassluha lil ħutna morda u anzjani fid-djar tagħhom, u li skont il-bżonn ngħinu lis-saċerdot iwassal l-Ewkaristija lill-fidili fil-knisja stess.

Qatt u qatt ma nistgħu nidraw is-sbuħija u l-kobor ta' dawn il-mumenti. Fl-umiltà tiegħu, Alla ma jiddejjaqx iħalli jingħata f'idejn il-bnedmin. Min-naħa l-oħra, ir-

rispett u l-qima tagħna f'dan il-ministeru qatt ma jkunu biżżejjed.

Dan il-ktejjeb irid iservi ta' għajnuna għalikom li intom imsejħin biex tħaddmu dan il-qadi fil-komunità li temmen. Dan il-ministeru jibqa' dejjem qadi, u qatt u qatt ma għandu jservi biex nippretendu li aħna pprivileġġjati jew aħjar minn ħaddieħor.

Jalla dan il-ministeru jwaħħadna dejjem iżjed fil-ħsieb, fis-sentimenti u fl-għemil ma' Ġesù fl-Ewkaristija.

✠ **Anton Teuma**
Isqof ta' Għawdex

Ir-Rit tal-Tqarbin u l-Vjatku tal-Morda minn Ministru Straordinarju tat-Tqarbin

1. Meta l-Ewkaristija tittieħed lill-morda minn Akkoltu, jew minn Ministru Straordinarju tat-Tqarbin magħżul skont il-liġi, wieħed għandu jimxi skont kif hu mfisser hawn.

2. Lill-morda wieħed jista' jqarbinhom biss bl-inbid ikkonsagrat, meta ma jkunux jistgħu jitqarbnu bl-ostja.

Demm il-Mulej jittieħed lill-marid f'reċipjent magħluq sewwa, biex ma jkunx hemm il-biża' li jixxerred. F'kull każ, it-tqarbin tal-marid isir bl-aħjar mod għall-marid minn dawk li hemm imsemmija għat-tqarbin biż-żewġ

speċi. Il-Ministru jixrob dak li jifdal wara t-tqarbin, u jippurifika.

Ir-Rit Ordinarju tat-Tqarbin

Ir-Rit tal-Bidu

3. Il-Ministru, liebes l-ilbies xieraq għall-ministeru tiegħu, jersaq lejn il-marid u jsellimlu u lil dawk li jinsabu madwaru, billi jgħid:

Is-sliem lil din id-dar u lil kull min jgħammar fiha.

4. Il-Ministru jistieden lill-marid u lil kull min jinsab madwaru biex jagħmlu l-Att Penitenzjali.

Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna biex nitħejjew tajjeb għal din iċ-ċelebrazzjoni qaddisa.

5. U wara ftit mumenti ta' skiet, kulħadd jagħmel din l-istqarrija:

Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bl-għemil u billi ħallejt dmirijieti:

iħabbtu fuq sidirhom

ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-Imqaddsa Marija dejjem Verġni, lill-Anġli u l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

Il-Ministru jgħid:

Iħenn għalina, Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna, u

jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.

u kulħadd iwieġeb:
Ammen.

6. Wara ssir ċelebrazzjoni qasira tal-Kelma ta' Alla.

7. Imbagħad il-Ministru jistieden lil kulħadd jgħid il-Missierna billi jgħidilhom:

Issa ngħidu flimkien it-talba li għallimna Sidna Ġesù Kristu.

U kulħadd jgħid il-Missierna.

8. Il-Ministru mbagħad juri s-Sagrament u jgħid:

Dan hu l-Ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf.

Kulħadd flimkien jgħid:

Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda u ruħi tkun imfejqa.

9. Il-Ministru jersaq lejn il-marid, jurih is-Sagrament, u jgħidlu:

Il-Ġisem ta' Kristu.

jew, jekk ikun il-każ kif indikat f'paragrafu 2 hawn fuq:

Id-Demm ta' Kristu.

Il-marid iwieġeb: **Ammen** u jitqarben.

10. It-tqarbin isir bħas-soltu, u meta jintemm, il-Ministru jippurifika bħas-soltu; wara ftit mumenti ta' skiet, il-Ministru jgħid din it-talba:

Nitolbu.
Mulej, Missier Qaddis, Alla ta' dejjem u li tista' kollox, b'fidi kbira nitolbuk għal dan ħuna (għal din oħtna) (għal dawn ħutna); agħmel li din it-tqarbina bil-Ġisem (bid-Demm) għażiż ta' Sidna Ġesù Kristu, tibqa' dejjem tiswielu (tiswielha) (tiswielhom) ta' ġid fir-ruħ u l-ġisem. Bi Kristu Sidna. Ammen.

Ir-Rit tal-Għeluq

11. Fl-aħħar, il-Ministru jrodd is-salib hu u jitlob il-barka ta' Alla:

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.

Kulħadd iwieġeb:
Ammen.

Talb ta' Radd il-Ħajr wara t-Tqarbin

Ikun imbierek Alla

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesù.
Imbierka l-Qalb qaddisa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissmu Sagrament tal-altar.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla Marija Santissma.
Imbierka l-Imqaddsa u Immakulata Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.

Imbierek l-isem ta' Marija, verġni u omm.
Imbierek San Ġużepp, għarus kastissmu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

Ruħ ta' Kristu

Ruħ ta' Kristu, qaddisni
Ġisem ta' Kristu, salvani.
Demm ta' Kristu, ħeġġiġni.
Ilma tal-kustat ta' Kristu, aħsilni.
Passjoni ta' Kristu, sabbarni.
O Ġesù ħanin, ismagħni.
Fil-pjagi tiegħek, aħbini.
Tħallini qatt ninfired minnek.
Mill-għadu ħażin ħarisni.
Fis-siegħa ta' mewti sejjaħli.
Ġewwa ħdanek ilqagħni,
biex mal-anġli u l-qaddisin tiegħek infaħħrek għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

Ruħi Tfaħħar (Magnificat)

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
– bħalma wiegħed lil missirijietna –
b'risq Abraham u nislu għal dejjem.

Talba lil Ġesù msallab

Hawn jien, o Ġesù maħbub tiegħi, mixħut quddiem il-preżenza tiegħek, nitolbok bl-akbar ħrara li tistampa fil-qalb tiegħi sentimenti ta' fidi, ta' tama, ta' mħabba, ta' dulur kbir ta' dnubieti u ta' proponiment li ma noffendik qatt iżjed; filwaqt li bl-imħabba u l-ħniena kollha sejjer inġib quddiem għajnejja l-ħames pjagi tiegħek, nibda minn dak li qal fuqek il-qaddis profeta David: "Nifduli jdejja u riġlejja, u għaddewli għadmi kollu".

Tqarbina tax-xewqa

Ġesù, jiena nemmen li int tinsab tabilħaqq fis-sagrament tal-Ewkaristija. Inħobbok fuq kollox u rrid nitqarben. Minħabba li bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija taħt ix-xbieha tal-ħobż, għall-inqas ejja fija bix-xewqa. Tħallini qatt nitbiegħed minnek. Irrid inħobbok.

Il-Ministru Straordinarju tat-Tqarbin Imqaddes

fl-Istruzzjoni
Redemptionis Sacramentum

tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u tad-Dixxiplina tas-Sagramenti
(25 ta' Marzu 2004)

---

154. Bħalma diġà ġie mfakkar, "Ministru, li jista' jiċċelebra s-Sagrament tal-Ewkaristija *in persona Christi*, huwa biss is-saċerdot li jkun ġie ordnat validament"[1]. Għalhekk l-isem ta' "Ministru tal-Ewkaristija" huwa proprjament għas-saċerdot biss. Anke minħabba l-Ordinazzjoni Sagra,

---

[1] *Codex Iuris Canonici*, can.900 § 1.

il-Ministri ordinarji tat-Tqarbin Imqaddes huma l-isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni[2], u fuqhom jaqa' l-obbligu tat-tqarbin lill-fidili lajċi fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. B'hekk turi ruħha korrettement u fil-milja kollha tagħha l-ħidma ministerjali tal-Knisja u jitħares is-sinjal sagramentali.

155. Barra mill-Ministri ordinarji hemm dak li jkun ġie istitwit bħala Akkolitu li minħabba l-istituzzjoni huwa l-Ministru straordinarju tat-tqarbin imqaddes anke barra miċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Jekk ikun hemm raġunijiet ta' neċessità awtentika, l-Isqof Djoċesan jista'

---

[2] Cf. *ibidem*, can.910 § 1; cf.etiam Ioannes Paulus Pp.II, Epist., *Dominicae Cenae*, n.11: AAS 72 (1980) p.142; Congr.pro Clericis et aliae, Instr. *Ecclesiae de mysterio*, Practicae Dispositiones, art.8 § 1: AAS 89 (1997) pp.870-871

jiddelega, skont in-normi tad-Drittu[3], għal dan l-iskop lil xi fidil lajk bħala Ministru straordinarju, *ad actum* jew *ad tempus*, billi jinqeda fiċ-ċirkustanza bil-formula proprja ta' benedizzjoni. Dan l-att ta' ħatra m'għandux neċessarjament forma liturġika, u jekk b'xi mod ikollu, anqas jista' jiġi meqjus bħala Ordinazzjoni Sagra. Huwa biss f'xi każijiet partikulari u imprevisti, li jista' jiġi mogħti l-permess *ad actum* min-naħa tas-saċerdot li jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika[4].

---

[3] Cf. *Codex Iuris Canonici*, can.230 § 3.

[4] Cf. S. Congr. de Disc. Sacram., Instr., *Immensae caritatis*, prooemium: AAS 65 (1973) p.264; Paulus Pp.VI, Litt. Ap. Motu proprio datae, *Ministeria quaedam*, diei 15 augustii 1972: AAS 64 (1972) p.532; Missale Romanum, Appendix III; Ritus ad deputandum ministrum sacrae Communionis ad actum distribuendae, p.1253; Congr. Pro Clericis et aliae, Instr. *Ecclesiae de mysterio*, Practicae Dispositiones, art.8 § 1: AAS 89 (1997) p. 871.

156. Dan l-uffiċċju għandu jittieħed f'sens strett skont id-denominazzjoni ta' Ministru straordinarju tat-tqarbin imqaddes, u mhux "Ministru speċjali tat-tqarbin imqaddes" jew "Ministru straordinarju tal-Ewkaristija" jew "Ministru speċjali tal-Ewkaristija", definizzjonijiet li jesaġeraw bla dritt u bla ħtieġa tal-iskop tagħhom.

157. Jekk is-soltu jkun hemm preżenti numru ta' Ministri sagri biżżejjed anke għat-tqassim tat-tqarbin imqaddes, ma jistgħux jidħlu sabiex iwettqu din il-ħidma l-Ministri straordinarji tat-tqarbin imqaddes. F'ċirkustanzi simili, dawk li jkunu ġew magħżula għal dan il-ministeru, m'għandhomx jeżerċitawh. Ta' min jikkundanna l-passi ta' dawk is-saċerdoti li, għalkemm ikunu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni, jastjenu ruħhom mit-tqassim tat-tqarbin, filwaqt li

jinkarigaw lajċi sabiex iwettqu din il-ħidma[5].

158. Il-Ministru straordinarju tat-tqarbin jista' jamministra t-tqarbin biss meta ma jkunx hemm is-saċerdot jew id-djaknu, meta s-saċerdot hu mxekkel mill-mard, xjuħija jew inkella minħabba xi motiv ieħor serju, jew inkella meta n-numru tal-fidili li jersqu għat-tqarbin hu tant kbir li l-istess ċelebrazzjoni tal-quddiesa titwal ħafna[6]. Madankollu, dan irid

---

[5] Cf. S. Congr. pro Sacram. et Cultu Div., Instr., *Inaestimabile donum*, n.10: AAS 72 (1980) p.336; Pont. Comm. Codicis Iuris Canonici Authen. Interpr., Responsio ad propositum dubium, diei 11 iulii 1984: AAS 76 (1984) p.746.

[6] Cf. S. Congr. de Disc. Sacram., Instr., *Immensae caritatis*, n.1: AAS 65 (1973) pp.264-271, hic pp.265-266; Pont. Comm. Codici Iuris Canonici auth. Interpr., Responsio ad propositum dubium, diei 1 iunii 1988: AAS 80 (1988) p.1373; Congr.Pro Clericis et

jinftiehem b'tali mod li, ċertu tul fit-tqarbin, skont id-drawwiet u l-kultura tal-post, mhu bl-ebda mod raġuni biżżejjed biex tissejjaħ l-għajnuna tal-Ministri straordinarji tat-tqarbin.

159. Għall-ebda raġuni m'għandu jingħata l-permess lill-Ministru straordinarju tat-tqarbin li jiddelega minfloku għall-amministrazzjoni tal-Ewkaristija lil xi persuna oħra, bħal ngħidu aħna ġenitur, ir-raġel jew il-mara jew l-iben tal-marid li jkun ser jitqarben.

160. L-Isqof Djoċesan għandu jeżamina mill-ġdid il-prassi tal-aħħar snin f'din il-materja u jikkoreġiha skont l-opportunità jew inkella jiddetermina b'ċarezza ikbar. Jekk

---

aliae, Instr., *Ecclesiae de mysterio*, Practicae Dispositiones, art.8 § 2: AAS 89 (1997) p. 871.

minħabba neċessità effettiva dawn il-Ministri straordinarji jiġu deputati f'numri kbar, jeħtieġ li l-Isqof Djoċesan jippubblika normi partikulari, li permezz tagħhom, filwaqt li jżomm preżenti quddiem għajnejh it-tradizzjoni tal-Knisja, jistabbilixxi direttivi skont in-norma tad-Drittu fir-rigward ta' twettiq ta' din il-ħidma.

Direttivi għall-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin [MST]

A. Direttivi Ġenerali

1. Il-mandat ta' MST fid-Djoċesi ta' Għawdex hu mogħti lil lajċi idonji li jiġu ppreżentati lill-Ordinarju tad-Djoċesi mill-Kappillan jew Rettur tal-Knisja.

2. Il-mandat ta' MST jingħata lil min ikun se jgħin fit-tqarbin waqt il-quddiesa jew għat-tqarbin lill-anzjani u morda fi djarhom.

3. Il-mandat ikun validu għal 3 snin, imma jista' jiġi rtirat mill-awtorità kompetenti.

4. Min jitlob li jqarben biss lill-familjari anzjani jew morda fi djarhom ma jingħatax dan il-mandat, imma biss permess mill-Ordinarju għal żmien determinat.

5. Biex persuna tingħata l-mandat ta' MST fid-Djoċesi ta' Għawdex trid tkun għamlet il-kors ta' formazzjoni tad-Djoċesi mħejji mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana.

6. Biex il-mandat jiġġedded, il-kandidati jridu jsegwu kors ta' formazzjoni li jitħejja apposta mill-Kummissjoni Liturġika Djoċesana.

7. Il-MST jistgħu jkunu membri tal-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali. Il-Kappillan jew is-saċerdot delegat għandu jsegwi

mill-qrib il-ħidma pastorali u l-ħajja spiritwali tal-MST.

8. Il-MST għandhom ikunu midħla tad-dokumenti prinċipali tal-Knisja li jitkellmu fuq il-Quddiesa, l-Ewkaristija u t-Tqarbin, partikularment l-*Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* (ara Sagramentarju Malti, nn.160-165) u l-Istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum* (partikularment nn.88-96; 133,146-153).

B. Direttivi għal waqt il-Quddiesa

9. Il-MST jistgħu jqarbnu waqt il-quddies biss bil-permess tal-Kappillan tal-post jew tas-saċerdot ċelebrant, dejjem fin-nuqqas ta' saċerdoti u djakni u

meta l-ħtieġa pastorali titlob hekk.

10. Biex il-MST iqarbnu waqt il-quddiesa, iridu jieħdu sehem fl-istess quddiesa.

11. Il-MST jersqu lejn l-altar wara li s-saċerdot ikun tqarben.

12. Il-MST għandhom dejjem jirċievu minn idejn is-saċerdot ċelebrant (jew id-djaknu li jassisti) il-pissidi bl-ostji jew il-kalċi bl-inbid ikkonsagrati għad-distribuzzjoni lill-fidili.

13. Il-MST ma jistgħux jieħdu jew ipoġġu pissidijiet fit-tabernaklu qabel jew wara t-tqarbin. Dan hu parti mill-ministeru proprju tas-saċerdot jew tad-djaknu.

14. Il-MST – jew persuni oħra li jitqarbnu – jistgħu jikkunsmaw dak li jifdal mill-Ġisem jew mid-Demm ta' Kristu.

15. Il-MST ma jistgħux jippurifikaw il-pissidi jew il-kalċi. Dawn jistgħu jiġu ppurifikati biss minn saċerdot, djaknu jew akkolitu wara t-tqarbin jew fi tmiem il-quddiesa.

16. Il-MST għandhom jippurifikaw subgħajhom fil-kontenitur imqiegħed apposta għal dan il-għan, wara li jintemm it-tqarbin.

Ċ. Direttivi għat-Tqarbin tal-Anzjani u tal-Morda fi djarhom jew fid-Djar tal-Kura li ma jkunux ħadu sehem fil-quddiesa

17. Il-MST li jqarbnu lill-morda jew fid-djar għandhom ikunu familjari mad-direttivi li jinsabu fil-librett *Il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin* (Kummissjoni Liturġika ta' Għawdex).

18. It-tqarbin lill-anzjani u lill-morda fi djarhom jista' jsir kuljum, imma almenu kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kkmandati.

19. Il-MST ma jistgħux imorru jqarbnu lil xi morda jew anzjani fi djarhom mingħajr il-permess tal-Kappillan tal-parroċċa jew tar-Rettur tal-post.

20. Il-MST iwieġbu lill-Kappillan tal-parroċċa, u għandhom jitkellmu almenu darba fix-xahar mal-Kappillan jew saċerdot delegat

minnu dwar il-ministeru tagħhom.

21. Il-mandat tat-tqarbin lill-anzjani jew lill-morda fi djarhom hu marbut mat-territorjalità tal-parroċċa li f'isimha l-MST ikun irċieva l-mandat, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.

22. Il-MST għandhom josservaw il-kunfidenzjalità tar-relazzjoni mal-morda u l-anzjani fi djarhom, sakemm ma jingħatalhomx permess mill-persuni interessati biex jagħtu tagħrif lill-Kappillan/Rettur responsabbli, jew meta jkun hemm periklu għall-istess persuni.

23. F'każ li xi anzjani jew morda jitolbu s-sagrament tal-qrar, il-

MST għandhom jikkuntattjaw bla telf ta' żmien lill-Kappillan.

24. Il-MST għandhom jitħejjew tajjeb, anke spiritwalment, qabel imorru jqarbnu.

25. It-tqarbin lill-anzjani jew lill-morda fi djarhom m'għandux isir bl-għaġla, iżda lanqas jieħu ħin twil. It-tqarbin mhux żjara lill-anzjani jew lill-morda.

26. Il-MST ma jistax jiddelega l-ministeru tiegħu li jqarben lil persuna oħra.

27. Hu rrakkomandat li, minbarra ż-żjara tat-tqarbin, il-MST iżuru wkoll lill-morda darba kultant biex jitkellmu magħhom.

28. Il-MST ma jistgħux jieħdu l-Ewkaristija huma stess mit-tabernaklu imma jitolbu lil saċerdot jew djaknu biex jagħtihom l-Ewkaristija.

29. L-Ewkaristija għandha dejjem tinżamm f'teka, li tinżamm f'borża apposta u tingħarr b'mod dekoruż mill-MST.

30. Jekk l-Ewkaristija tingħata waqt il-quddiesa, il-MST għandhom jagħtu t-teka għall-Ewkaristija lis-saċerdot ċelebrant qabel il-quddiesa. It-teka tittieħed minn idejn is-saċerdot jew b'rit sempliċi wara t-tqarbin (fejn il-MST joħorġu dritt mill-knisja biex imorru jqarbnu) jew fi tmiem il-quddiesa. Mhux permess li MST jżommu l-

Ewkaristija fuqhom waqt il-quddiesa.

31. Jekk wara t-tqarbin fid-djar MST jibqagħlu ostji fit-teka, jikkuntattja saċerdot u jirritornahom immedjatament fil-knisja. F'każ li dan ma jkunx possibbli, il-MST għandhom jikkunsmaw l-ostji kkonsagrati li jkun fadlilhom. Mhux permess li l-Ewkaristija tinżamm id-dar jew f'xi post ieħor li mhux it-tabernaklu.

32. Il-MST għandhom jaraw li jżommu t-teka ppurifikata.

33. Mhux permess li l-MST jitkellmu mal-morda jew l-anzjani fi djarhom fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' flus jew beni jew wirt, u anqas fuq

kwistjonijiet ta' natura politika jew kontroversjali.

34. Mhux permess li l-MST jirċievu għotjiet ta' flus jew oġġetti oħra bħala ħlas tas-servizz tagħhom waqt li jkunu qed jaqdu dmirhom ta' MST.

35. It-tqarbin għandu jsir f'ħinijiet adattati għall-anzjani u l-morda, bi ftehim minn qabel mal-familjari, u possibbilment fil-preżenza ta' terza persuna.

Approvat mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech waqt il-laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani, 4 ta' Ġunju 2014.


DJOĊESI TA' GHAWDEX